MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2003

Appell Civili Numru. 1087/1994/1

**Alex Cutajar bhala direttur ghan-nom u in rappresentanza tas-socjetà Cutalex Tourist Company Limited**

**vs**

**Christopher Vassallo Cesareo ghan-nom u in rappresentanza tas-socjetà Domestica Limited**

**Il-Qorti:**

Rat l-att ta’ citazzjoni pprezentat fl-allura Qorti tal-Kummerc illi permezz tieghu l-attur nomine, wara illi ppremetta illi s-socjetà konvenuta ezegwit xogholijiet ossia appalt ta’ injam u *interior decorations* gewwa fond numru 44, 45, 46 u 47 sitwati Wied il-Ghajn fi Triq Marina bl-isem ta’ ‘Summer Nights’ proprjetà tas-socjetà attrici; illi l-prezz ta’ tali appalt jammonta ghall-Lm19,100 (dsatax il-elf lira u mitt lira maltin) mill-liema ammont is-socjetà konvenuta obbligat ruhha li taffettwa tnaqqis ossia *discount* fis-somma ta’ Lm1,980.97 (elf disa’ mija u tmenin lira maltin u sebgha u disghin centezmu); illi huwa hallas l-ammont shih ta’ Lm19,100 u illi s-socjetà konvenuta sussegwentement irrifjutat illi taffettwa tali tnaqqis; illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza; talab ghaliex dik l-Qorti m’ghandhiex: 1 Tiddeciedi l-kawza bid-dispensa tas-smiegh skond l-artikolu 167 *et seq* tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili u in vista tal-*Affidavit* ta’ l-attur nomine billi tiddikjara illi s-socjetà konvenuta hija debitrici versu s-socjetà attrici fis-somma hawn fuq imsemmija rappresentanti tnaqqis wara appalt ta’ injam u prezz ta’ *interior decorations* effetwat gewwa fond sitwat f’Wied il-Ghajn hawn fuq imsemmi; 2. Tikkundanna lis-socjetà konvenuta ghall-hlas ta’ tali ammont; bl-ispejjez kontra s-socjetà konvenuta ngunta ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-attur nomine u l-lista tax-xhieda relativa;

Rat id-digriet tad-disgha u ghoxrin (29) ta’ Lulju, 1994 illi permezz tieghu l-Qorti tal-Kummerc cahdet it-talba ghas-smiegh tal-kawza kif talab l-attur a tenur ta’ l-artikolu 167 tal-Kap. 12;

Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet tal-konvenut nomine illi permezz taghha eccepixxa:

Illi s-socjetà minnu rapprezentata qatt ma ghamlet xi ftehim jew kuntratti mas-socjetà attrici u ghaldaqstant ghandu jigi illiberat mill-osservanza tal-gudizzju;

Illi, sussidjarjament u minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, kwalunkwe skont li seta’ gie miftiehem rigward

xoghol fil-fond li ghalieh hemm referenza fic-citazzjoni kien dipendenti fuq il-kundizzjoni illi xogholijiet aktar estensivi jigu kkompletati;

Illi, ukoll sussidjarjament u minghajr pregudizzju, hemm bilanc dovut favur il-konvenut nomine fir-rigward tax-xoghol li sar fil-fond li ghalieh hemm referenza fic-citazzjoni u f'dan ir-rigward, il-konvenut nomine qed jirrizerva d-drittijiet kollha tieghu;

Salv kull eccezzjoni ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjetà konvenuta, konfermata bil-gurament minn Leo Vassallo Cesareo, u l-lista tax-xhieda relativa;

Rat is-sentenza tal-wiehed u tletin (31) ta' Ottubru, 2000 illi permezz taghha l-Prim Awla tal-Qorti Civili cahdet l-eccezzjonijiet tal-konvenut nomine u laqghet it-talba attrici limitatament billi kkundannat lill-konvenut nomine jhallas lill-attur nomine s-somma ta' Lm1,761.35, bl-ispejjez jithallsu kwantu ghal kwint mill-attur nomine u erbgha kwinti mill-konvenut nomine;  u dana wara illi kkunsidrat hekk:

"**<u>Il-legittimu kontradittur</u>**

"Fl-ewwel eccezzjoni tieghu l-konvenut nomine jeccepixxi li s-socjetà minnu rapprezentata qatt ma ghamlet ftehim jew kuntratti mas-socjetà attrici .    Fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu l-konvenut nomine jibda biex ighid dwar dan li s-socjetà attrici ma kenitx involuta fin-negozju mertu ta' din il-kawza u jaghmel riferenza, inter alia, ghad-Dok. AC, id-dokument ta' l-accettazzjoni tax-xoghol, u dokumenti ohra.   Is-sinjifikat ta' dan huwa ovvju, cioè li mhuwiex qieghed jichad li s-socjetà konvenuta kienet involuta fl-imsemmi negozju, izda qieghed ighid li ma nnegozjatx mas-socjetà attrici izda ma 'A Cutajar' u 'E. Bajada' personalment.    Mill-banda l-ohra meta Leo Vassallo Cesareo xehed fis-seduta tal-5 ta' Ottubru 1998, wara li qal li s-socjetà konvenuta qatt ma kellha xoghol mas-socjetà attrici, stqarr li jaf lill-attur in konnessjoni ma'

xoghol izda li x-xoghol in kwistjoni ma kellux isir mis-socjetà konvenuta izda minn certu Louis Piscopo (wiehed mill-impjegati ta' din is-socjetà).

"Ovvjament hemm kontradizzjoni bejn ix-xhieda ta' Leo Vassallo Cesareo u n-nota ta' sottomissjonijiet tieghu. Liem' hija l-verità? Numru ta' dokumenti esibiti jippruvaw minghajr ebda dubju li s-socjetà konvenuta kienet parti fil-ftehim: id-Dok. AC konsistenti fil-kwotazzjoni mahruga mis-socjetà konvenuta u ffirmata wkoll minn Leo Vassllo Cesareo (a fol. 32 - ghalkemm meta xehed (a fol. 53) sostna li m'hemm il-firma tieghu mkien!), cekk mahrug fl-20 ta' Marzu 1992 a favur is-socjetà konvenuta (a fol. 63) u cekk mahrug fit-2 ta' Settembru 1992 a favur is-socjetà konvenuta (a fol. 64). Stabbilit dan, il-Qorti lanqas sa tipprova tidhol f'konsiderazzjoni inutili ta' jekk Alex Cutajar u Emanuel Bajada kinux qed jiffirmaw f'isimhom de proprio jew f'isem il-kumpanija attrici. Il-Qorti hi konvinta li l-konvenut nomine kien jaf ma' min qieghed jikkuntratta.

"Ghalhekk l-ewwel eccezzjoni hi michuda.

"**<u>L-iskont</u>**

"Louis Piscopo xehed (a fol. 46) li hu kien jaf li s-socjetà konvenuta kellha taghti skont lis-socjetà attrici fuq il-valur tax-xoghol kollu, b'dan li hu ma kienx jaf ic-cifra ta' dan l-iskont. Alex Cutajar xehed (a fol. 27) li Leo Vassallo Cesareo kien accetta li fuq l-istima tax-xoghol li kellu jsir ta' xi Lm24,000, jaghtihom skont ta' 10% u fil-fatt gie ffirmat il-kuntratt tard fl-1991. Zied ighid li gara li l-ammont tax-xoghol ma lehaqx l-istima li kienet giet ikkalkolata fil-bidu u dan bla ma huma naqqsu xi xogholijiet min-naha taghhom. Fl-eccezzjoni relattiva u fid-dikjarazzjoni guramentata tieghu l-konvenut nomine jghid li kwalunkwe skont li seta' kien gie miftiehem kien dipendenti fuq il-kondizzjoni li xogholijiet aktar estensivi jigu kkompletati.

"Issa minn ezami mill-gdid tad-Dok. AC (a fol. 32) jirrizulta li l-istima tax-xoghol kienet ta' Lm24,757 u li l-iskont kien ta' Lm2,757 (ekwivalenti ghal ftit aktar minn 11%). Il-Qorti tifhem li giet skontata dik il-figura biex l-istima setghet tigi arrotondata ghal Lm22,000. L-attur nomine stess accetta li l-valur tax-xoghol ma lehaqx l-istima originali. Inoltre skond fattura (Dok. AC2) rilaxxata mis-socjetà konvenuta il-valur tax-xoghol lehaq ghal Lm19,264.36.

"L-attur nomine spjega c-cirkostanzi li waslu ghal dan: '*Wara li kien digà beda x-xoghol jiena kont gejt infurmat li d-Domestica Ltd. kienu bidlu l-floor manager u kien dahal Mr. Bartolo. Dan beda jaghmel certu restrizzjonijiet fuq il-haddiema tieghu fuq l-uzu tal-magni. Jiena u l-head of team, Louis Piscopo, iddiskutejna dawn id-diffikultajiet u qbilna li x-xoghol isir izjed semplici biex ikun jista' jinhadem fuq il-post. Bi qbil bejni u bejn id-Domestica Ltd. parti mix-xoghol fil-lounge area ma sarx u kien minhabba dan li l-prezz tax-xoghol naqas minn kif kien miftiehem originarjament; il-prezz tax-xoghol naqas ukoll minhabba li certi pilastri li kellhom johorgu originarjament ma hargux*.'

"F'dar-rigward Louis Piscopo jghid li '*mix-xoghol illi talabna naghmlu l-attur fil-bidu dan naqas, parti nbidel ghax ma stajniex naghmluhom, per ezempju, kellhom isiru certu numru ta' kolonni, però l-post ma kienx jippermetti dan, ghax fid-disinn deher mod u fir-realtà kien mod iehor. Fuq is-suffitti l-klijent kien ha hsieb li jaghmilhom hu biex ihaffef ix-xoghol. Bejn is-soffits ahna nhallu recess u dawn l-acoustic tiles m'ghamilnihomx ahna kif kien miftiehem originarjament imma ha hsiebhom l-attur. L-ispejjez ta' l-acoustic tiles hallashom l-attur. Niftakar li l-lounge m'ghamilnihiex. Il-lounge hallejniha ghall-ahhar ghax ma kienx hemm il-bzonn li ssir mal-bar. Il-Manager il-gdid dahal fl-ahhar zminijiet tal-progett u riedni nehles at any cost. Fl-ahhar il-lounge baqghet ma saritx. Parti mid-disinn tbiddel biex ikun jista' jithaffef u jitlesta x-xoghol. B'referenza ghall-games room la l-bar counter u lanqas il-mirja li kellhom ikunu mieghu ma saru. Fil-pub*

*area naf li ma sarux il-kolonni u dan ghax ma kienx hemm post fejn isiru*.'

"Il-konvenut nomine jsostni fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu li l-iskont kellu jinghata fuq l-istima originali ta' Lm24,757. Galadarba x-xogholijiet ma lehqux dak l-ammont m'ghandu jinghata l-ebda skont. Jindika li ma sarux ix-xogholijiet kollha ghal ragunijiet imputabbli lill-attur nomine. Ta' min ighid li meta Leo Vassallo Cesareo xehed, sostna li kien Louis Piscopo li rrifjuta li jaghti l-iskont ta' 10% u li hu kellu jithallas Lm2000 talli Louis Piscopo uza l-fabbrika ghax-xoghol in kwistjoni, liema somma baqa' ma thallasx. Kif digà gie osservat (aktar) 'il fuq, Louis Piscopo sostna li ma kellu x'jaqsam xejn ma' skonti u li l-ftehim sar bejn il-partijiet.

"Hawn ukoll il-Qorti ssaqsi x'inhi l-verità. Jidher li n-nuqqas fix-xoghol li sar kien primarjament dovut ghall-fatt li kien dahal floor manager gdid li ried li dan ix-xoghol jitlesta b'aktar speditezza u minhabba xi inezatezzi fid-disinn. Il-konvenut nomine ma ressaq l-ebda prova biex jissostanzja l-asserzjoni tieghu li kemm-il darba ma jsirx ix-xoghol kif originalment stmat ma jinghata l-ebda skont.

"It-tieni eccezzjoni hi ghaldaqstant ukoll michuda.

"**<u>L-ammont dovut</u>**

"L-attur nomine qieghed jitlob hlas tas-somma ta' Lm1980.97.

"Fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu l-konvenut nomine jikkumenta li kieku verament l-attur nomine kien intitolat ghal skont, kien jaghmel aktar sens li l-attur nomine inaqqas immedjatament l-iskont mis-somma totali qabel ma jhallas. Fin-nota responsiva tieghu l-attur nomine jghid li l-hlasijiet kienu qed isiru f'pagamenti fil-waqt li x-xoghol kien ghadu ghaddej. Fil-fatt mill-mod kif saru l-pagamenti jidher li t-termini miftehma skond id-Dok. AC ma gewx segwiti. Per ezempju ghalkemm hemm indikat li kellha tithallas is-somma ta' Lm5000 fl-10 ta' April 1992, jidher li t-tieni pagament sar fit-2 ta' Settembru 1992 fl-

ammont ta' Lm3,100. U pagament iehor sar fil-5 ta' Frar 1993 ghal Lm4000. Billi l-hsieb originali kien li tintlehaq is-somma ta' Lm22,000 izda, ghar-ragunijiet digà spjegati, dan ma sehhx, ma tantx kien possibbli li jigi komputat skont fl-istadji tal-pagamenti.

"Issa fit-tielet eccezzjoni tieghu l-konvenut nomine jghid li hemm bilanc dovur favur tieghu. Però ma jgibx provi dwar x'inhu dan il-bilanc, salv li meta xehed irrefera ghas-somma ta' Lm2,000 li allegatament kellu jiehu talli ppermetta l-uzu tal-fabbrika tieghu. Fil-fehma tal-Qorti ma jaghmel l-ebda sens li taghmel ftehim ta' appalt (id-Dok AC) imbaghad issostni li ghandek tiehu Lm2000 ghall-uzu tal-fabbrika. Kieku verament kellu jiehu Lm2000, ma kienx jaghmel ftehim f'dar-rigward?

"Issa l-attur nomine fix-xiehda tieghu qal li hallas b'kollox Lm19,100. Huwa esebixxa b'nota tad-19 ta' Lulju 1999 dokumenti li jevidenzjaw il-hlas tas-somma ta' Lm17,100. Huwa evidenti però min-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenut nomine li mhuwiex jikkontesta li l-attur nomine hallas Lm19,100. Skond il-fattura rilaxxata mis-socjetà konvenuta, il-valur tax-xogholijiet minnha maghmula tela' ghal Lm19,264.36 (Dok. AC2 a fol. 41, 42). Skond l-attur nomine x-xoghol tela' ghal Lm19,265.16 (Dok. AC1 a fol. 39, 40). Il-Qorti se tibbaza ruhha fuq din l-ahhar figura li tidher aktar preciza.

"Fuq is-somma ta' Lm19,265.16, skont ta' 10% jekwivali ghal Lm1,926.51; dan ifisser li l-ammont attwalment dovut mill-attur nomine huwa ta' Lm17,338.65. Billi huwa hallas Lm19,100, il-bilanc li jrid jigi rifuz lill-attur nomine huwa ta' Lm1,761.35."

Rat ir-rikors ta' l-appell tas-socjetà konvenuta illi permezz tieghu, ghar-ragunijiet fih esposti, talbet illi s-sentenza tal-31 ta' Ottubru, 2000 tigi revokata, imhassra u annullata u illi, wara illi jintlaqghu l-eccezzjonijiet tas-socjetà konvenuta appellanti, jigu michuda t-talbiet tas-socjetà attrici appellata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess socjetà attrici appellata;

Rat ir-risposta ta’ l-appell ta’ l-attur nomine illi permezz taghha, ghar-ragunijiet hemm esposti, talab illi jigi michud l-appell bl-ispejjez kontra l-appellanti u illi tigi konfermata s-sentenza appellata;

Trattat l-appell;

Ezaminat l-atti tal-process;

Ikkunsidrat:

Illi l-aggravji tas-socjetà konvenuta kontra s-sentenza appellata huma s-segwenti:

1. Illi l-ewwel Qorti erroneament cahdet l-ewwel eccezzjoni tas-socjetà konvenuta ghaliex, fi kliem ir-rikors ta’ appell, “… ikkoncentrat biss fuq jekk is-socjetà konvenuta kienitx wahda miz-zewg partijiet fil-kuntratt bilaterali ta’ appalt in kwistjoni u ma ezaminatx in-naha l-ohra tal-munita, li hija daqstant importanti, cioè jekk is-socjetà attrici, Cutalex Tourist Company Ltd, kienitx il-parti l-ohra ta’ l-istess ftehim;

2. Illi anke t-tieni (2) eccezzjoni tas-socjetà konvenuta kellha tigi milqugha;

Ikkunsidrat:

Illi permezz ta’ l-ewwel (1) eccezzjoni tieghu il-konvenut nomine ssottometta hekk:
“Illi s-socjetà minnu rapprezentata qatt ma ghamlet xi ftehim jew kuntratti mas-socjetà attrici u ghaldaqstant ghandu jigi illiberat mill-osservanza tal-gudizzju”;

Illi l-ewwel aggravju tas-socjetà konvenuta jammonta ghal sottomissjoni illi l-ewwel Qorti cahdet din l-eccezzjoni ta’ l-istess socjetà ghaliex ghamlet apprezzament hazin tal-provi prodotti peress illi hija ma kkunsidratx jekk il-kuntratt ta’ appalt in kwistjoni sarx minn din is-socjetà mas-socjetà attrici - kif tippretendi l-istess socjetà attrici - jew ma’ l-attur Alex Cutajar u/jew ma’ certu Emanuel Bajada personalment - kif qed tippretendi s-socjetà attrici;

Issa, huwa veru illi l-ewwel eccezzjoni tista' tiftiehem illi permezz taghha s-socjetà konvenuta qed tissottometti illi hija kkuntrattat l-imsemmi appalt ma' Alex Cutajar u Emanuel Bajada personalment, izda huwa daqstant veru illi tista' tiftiehem ukoll illi s-socjetà konvenuta qed tippretendi illi hija ma kientix wahda mill-partijiet fl-istess kuntratt ta' appalt. Minn ezami ta' l-atti processwali, kif ezistenti meta intemm il-gbir tal-provi quddiem l-ewwel Qorti, jirrizulta car illi sa dak l-istadju s-socjetà konvenuta kienet qed tippretendi illi l-imsemmi kuntratt ta' appalt sar mis-socjetà attrici ma' certu Louis Piscopo, impjegat tas-socjetà konvenuta. Kien biss meta fis-sitta (6) ta' Dicembru, 1999 - wara illi kien già terminat il-gbir tal-provi - is-socjetà konvenuta pprezentat in-nota ta' osservazzjonijiet taghha illi hija, sabiex tintuza frazi nawtika, *changed tack*, u bdiet tippretendi illi l-kuntratt ta' appalt sar bejn l-istess socjetà konvenuta, minn naha wahda, u bejn Alex Cutajar u Emanuel Bajada personalment, min-naha l-ohra. L-ewwel Qorti kienet konxja minn dan u, wara illi ghamlet l-apprezzament taghha tal-provi prodotti, waslet ghall-konkluzjoni - kondiviza minn dina l-Qorti - illi l-partijiet kontraenti ghar-rigward ta' l-appalt in kwistjoni kienu s-socjetà attrici u s-socjetà konvenuta. Meta l-ewwel Qorti stabbiliet dan, hija ziedet tghid hekk (fol. 107-8):

"… il-Qorti lanqas se tipprova tidhol f' konsiderazzjoni inutili ta' jekk Alex Cutajar u Emanuel Bajada kinux qed jiffirmaw f'isimhom de proprio jew f'isem il-kumpanija attrici. Il-Qorti hi konvinta li l-konvenut nomine kien jaf ma' min qieghed jikkuntratta.

"Ghalhekk l-ewwel eccezzjoni hi michuda" (sottolinear ta' dina l-Qorti);

Dina l-Qorti taqbel pjenament ma' dan u, konsegwentement, tirrespingi bhala infondat l-ewwel (1) aggravju tas-socjetà konvenuta;

Ikkunsidrat:

Illi s-sottomissjonijiet illi ghamlet is-socjetà konvenuta fir-rikors ta' appell taghha sabiex tissostanzja t-tieni (2) aggravju taghha - illi, fir-realtà, flimkien jammontaw ghal sottomissjoni wahda, dik illi l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi prodotti - kienet già ghamlithom, *presso a poco*, fl-imsemmija nota ta' osservazzjonijiet taghha pprezentata quddiem l-ewwel Qorti. Fis-sentenza appellata l-ewwel Qorti hadet in konsiderazzjoni dawn is-sottomissjonijiet, fid-dawl tal-provi prodotti, u waslet ghall-konkluzjoni illi t-tieni (2) eccezzjoni tas-socjetà konvenuta ghandha tigi michuda. Dina l-Qorti, wara illi hija ukoll ezaminat il-provi prodotti fid-dawl ta' l-imsemmija nota ta' sottomissjonijiet u tas-sottomissjonijiet maghmula fir-rikors ta' appell, taqbel mal-konkluzjoni raggjunta mill-ewwel Qorti illi t-tieni (2) eccezzjoni tas-socjetà konvenuta kellha tigi michuda u, ghalhekk, tikkonkludi illi t-tieni (2) aggravju ta' din is-socjetà huwa infondat;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell tas-socjetà konvenuta u billi tikkonferma s-sentenza appellata;

Tordna illi l-ispejjes ta' din l-istanza jigu sopportati kollha mis-socjetà konvenuta appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------